**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 583/2011**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Daniel Farrugia**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Daniel Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 141985(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġewwa l-Mosta, nhar is-7 ta' Mejju tas-sena 2011 għal ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħaxija:

i. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Robert Azzopardi f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-imsemmi Robert Azzopardi jew ġablu disordni f'moħħu, liema offiza kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabet difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ kif ukoll iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiz;

ii. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Charmaine Debono f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-imsemmija Charmaine Debono u dan skond kif iċċertifika Dott. Joe Scicluna MD miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
iii. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamel inġurji u/jew theddid bil-fomm lil Robert Azzopardi, Pierre Chetcuti, Darren Debono u Charmaine Debono;
iv. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser volontrajament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Daniel Farrugia ħati tal-akkuzi wieħed sa tlieta kif dedotti kontrih stante li ġew ippruvati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ikkundanatu għal sentejn priġunerija sospizi għal erba' snin, filwaqt li lliberatu mir-raba' akkuża stante li ma ġietx ippruvata. *In oltre* u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundanat lill-imputat Daniel Farrugia għall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proċeduri li jammontaw għal erba' mija u erbatax -il Ewro u disa' u sebgħin ċentezmu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-15 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja u tbiddel is-sentenza in kwistjoni skond il-Liġi billi:

i. Tikkonferma is-sentenza appellata in kwantu l-ħtija għal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet;
ii. Tikkonferma is-sentenza appellata in kwantu l-liberatorja għar-raba' imputazzjoni;
iii. Tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu li l-appellat ġie kkundanat għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija f'dan l-umli appell, tgħaddi biex tinfliġġi piena iktar gravi skond il-Liġi li tirrifletti l-gravita' tal-kundanna għal tali l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet flimkien, u dan fl-aqwa interess mhux biss tal-parte ċivile bħala l-vittma attwali fil-każ in kwistjoni, iżda ukoll fl-aħjar interessi tal-ġustizzja u tas-soċjeta' innifisha.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-*Consultant Ophtalmologist* Dr. Maria Agius.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aggravju uniku vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe' dik ta' sentejn priġunerija sospizi għal erba' snin fit-termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, hija waħda miti wisq u ma tirriflettix is-serjeta' tal-każ, bl-għan aħħari allura wara l-appell ta'l-Avukat Ġenerali huwa li din l-Qorti tvarja il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti b'waħda aktar gravuża.

Illi jingħad qabel kull konsiderazzjoni illi din il-Qorti bħala qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ taħt il-lenti tagħha, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod mhux dik maħsuba fil-liġi, eċċessiva b'mod manifest, jew inkella żbaljata fil-prinċipju.

> ***As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):***
>
> ***""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to 8 individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too***

***numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."***

***This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]***

Fl-Ingilterra l-introduzzjoni tal-*Criminal Justice Act* fl-1988, fl-artikolu 36 tiegħu, fassal dawk l-istanzi fejn l-Avukat Ġenerali jista' jitlob reviżjoni fil-piena meta jidhirlu li din kienet waħda miti wisq. Illi s-subartikolu 2 ta' din id-disposizzjoni tal-liġi brittanika tistabbilixxi illi jkun hemm lok għal reviżjoni:

***........ if it appears to the Attorney General that the judge***

***(a) erred in law as to his powers of sentencing; or***

***(b) failed to comply with a mandatory sentence requirement that applied as mentioned in section 399(b) or (c) of the Sentencing Code.***

Illi Lord Lane CJ fl-*Attorney General's Reference No 4 of 1989 [1990] 1 WLR 41* meta jitkellem fuq l-artikolu 36 igħid hekk:

***"A sentence is unduly lenient, we would hold, where it falls outside the range of sentences which the judge, applying his mind to all the relevant factors, could reasonably consider appropriate. In that connection regard must of course be had to reported cases, and in particular to the guidance given by this court from time to time in so called guideline cases. However it must always be remembered that sentencing is an art rather than a science; that the trial judge is particularly well placed to assess the weight to be given to various competing considerations; and that leniency is not in itself a vice."***

Issa fid-dritt penali nostran ma jeżistu ebda linji gwida li l-ġudikant għandu isegwi meta jiġi biex fid-diskrezzjoni tiegħu jeroga dik il-piena xieraq kontra l-ġudikabbli. Illi fil-maġġior parti tar-reati, il-leġislatur jippreżenta parametri wiesgħa fil-piena erogabbli biex b'hekk jitħalla fid-diskrezzjoni tal-ġudikant sabiex japplika dik il-piena l-iktar xierqa għal każ, dejjem fil-parametri prefissi. Illi mhux biss iżda l-leġislatur ħaseb ukoll sabiex jara illi l-piena isservi mhux biss ta' deterrent, iżda

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

ukoll ta' riforma għal-persuna misjuba ħatja, meta fassal dik il-piena li ma tkunx waħda neċessarjament restrittiva tal-liberta'. Din l-għazla ukoll dwar ix-xorta tal-piena applikabbli għal kull każ hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant bis-subartikolu 2 għall-artikolu 28A lil jitkellem dwar is-sentenza ta' priġunerija sospiża igħid hekk:

> **(2) Qorti ma għandhiex tittratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgħa li tissospendi dik is-sentenza b'ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1).**

Dan ifisser illi kull każ irid jkun deċiż fuq il-fattispeċje partikolari tiegħu fejn għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-parametri tal-piena stabbilita fil-liġi.
2. L-kondotta preċedenti tal-ħati.
3. Il-fatti jew ċirkostanzi partikolari li jsawwru l-każ.
4. L-element ta' retribuzzjoni.
5. Ir-riforma tal-ħati.
6. Il-gravita' tar-reat, fosthom il-konsegwenzi li jkun ħalla warajh u l-impatt fuq is-soċjeta in ġenerali fejn il-qorti għandha tħares milli jkun hemm repetizzjoni tal-kummissjoni ta' reati.

Issa s-sentenza appellata hija sajma mill-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' sentejn priġunerija, kif inhi sajma ukoll mir-raġuni li wasslitha sabiex applikat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u ma ġabitx fis-seħħ din is-sentenza ta' ħabs effettiv għal perijodu ta' erba' snin jekk l-ħati jikkometti reat ieħor f'dan il-perijodu ta' żmien.

Illi l-appellat kien misjub ħati tar-reat tal-offiża gravi fuq il-persuna kif maħsub fl-artikoli 214, 215 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan kif hemm indikat fid-parti deċiżorja tas-sentenza appellata. Illi fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat il-piena maħsuba fil-liġi kienet dik tal-priġunerija għaż-żmien bejn disa' xhur sa disa' snin, liema piena, permezz ta'l-Att XIII tal-2018, żdiedet għal dik tal-priġunerija ta' bejn ħamsa u għaxar snin. Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn priġunerija kienet waħda li taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena applikabbli għar-

reat fiż-żmien temporali li fih kien kommess, u ċioe' dik tal-priġunerija ta' bejn id-disa' xhur u id-disa' snin.

Illi, l-Avukat Ġenerali stess jikkonċedi li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi. L-ilment tal-appellant Avukat Ġenerali jidher illi huwa dirett lejn l-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għal din il-piena, billi fil-fehma tiegħu il-Qorti kienet miti wisq meta ma erogatx piena ta' kustodja effettiva. Dan għaliex jisħaq illi d-dinamika ta' kif seħħet il-ġlieda bejn il-parti offiża u l-appellat fejn il-parti offiża sofra grieħi serji u ta' natura permanenti kienet timmerita punizzjoni aktar severa. Jikkontendi l-Avukat Ġenerali li l-qrati għandhom permezz tal-erogazzjoni tal-piena iwasslu messaġġ lis-soċjeta in ġenerali, dwar l-id iebsa tal-ġustizzja bl-iskop li tbeżża' u tħares minn imġieba devjanti. Dan iktar u iktar meta fl-atti proċesswali ma hemm xejn x'jindika illi l-piena għandha tkun waħda li tindirizza ir-riforma jew rijabilitazzjoni tal-ħati billi ma hemm ebda prova li tindika li l-qorti għandha tindirizza l-ewwel u qabel kollox dan l-aspett meta tiġi sabiex tqies ix-xorta u l-kwalita' tal-piena li għandha tiġi erogata.

Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra, l-Qorti tirrileva illi l-kompitu tagħha, u tal-qrati tal-ġustizzja kollha, mhuwiex dak li sservi ta' xi messaġġier, kif donnu ħafna drabi jiġi pretiż. Il-kriminalita' hija dejjem kundanabbli, u allura ma hemmx għalfejn li l-qrati jibagħtu messaġġi li għandhom ikunu pależi għal kulħadd. Dak li għandha tara l-Qorti huwa li ssir ġustizzja f'kull każ għalih, b'wieħed mill-iskopijiet tal-piena huwa li din isservi ta' deterrent biex b'hekk kemm jista' jkun jiġi evitat ir-repetizzjoni tal-kummissjoni ta' reati. U allura meta il-ġudikant jeżerċita id-diskrezzjoni mogħtija lilu mill-liġi fil-kalibrazzjoni tal-piena, għandu jara biex kemm jista' jkun din tkun tali illi ma jkunx hemm repetizzjoni tal-offiżi mhux biss mill-ġudikabbli, imma minn kull min jażżarda jikkometti offiżi simili, u dan fost konsiderazzjonijiet oħra kif hawn fuq elenkati.

Illi il-fattispeċje ta' dan il-każ kienu jitrattaw inċident li seħħ bejn l-appellat u l-parti offiża Robert Azzopardi li spiċċat f'kollutazzjoni fejn anke involvew ruħhom nies oħra sabiex jiddefendu lil parti offiża f'din il-ġlieda. L-appellat jispiċċa juża ħadida li

ixejjer fid-direzzjoni tal-parti offiża Robert Azzopardi u Charmaine Debono u jikkaġunalhom xi ġrieħi fejn dawk subiti minn Azzopardi f'għajnejh ikunu ta' natura permanenti tant illi skont ix-xiehda tat-tobba u speċjalisti li kkurawh, jidher illi huwa tilef għal kollox l-użu ta' għajn waħda. Mhux biss iżda mix-xiehda ta' Dr. Maria Schembri mogħtija issa fi stadju ta' reviżjoni, jidher illi l-għajn ġiet rimossa kompletament b'riskju kbir għalhekk illi ikun hemm telf ta' viżta eventwali mill-għajn waħda li għad għandu il-parti offiża.

Illi d-difiża donnha tiġġustifika x-xorta ta' piena erogata fil-konfront tiegħu meta tisħaq illi dan kien każ tal-leġittima difiża fejn l-appellat spiċċa imsawwat mhux biss mill-parti offiża, iżda minn numru ta' nies li irrikorrew biex jiddefenduh. Illi l-iskriminanti tal-leġittima difiża ġiet eskluża mill-Ewwel Qorti, u minn liema deċiżjoni l-imputat ma intavola ebda appell quddiem din il-Qorti, u allura l-Ewwel Qorti żgur li ma ħaditx dan il-fattur in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena, ġaldarba ma laqgħatx din id-difiża. Illi allura huwa indubitat illi bl-aġir tiegħu l-appellat uża il-vjolenza meta seta' jirrikorra lejn l-awtorita' biex titrażżan l-ġlieda li żvolġiet bejn il-partijiet. Bl-aġir vjolenti tiegħu huwa ikkaġuna grieħi lil tnejn minn nies u ċioe' lil Robert Azzopardi, li kif ingħad tilef kompletament għajn waħda, kif ukoll lil Charmaine Debono, aġir li seta' wassal għal konsegwenzi ferm aktar serji.

Issa l-Ewwel Qorti, kif ingħad, ma tindikax il-mottiv li wassalha sabiex tapplika l-provvedimenti ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-appellat u dan kif kellha d-dmir li tagħmel fit-termini tas-sub-inċiż (2) ta' din id-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq iċċitata. Illi kif deċiż:

> **Il-Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-Qorti jkun jidhirlha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa.[2]**

U ukoll:

> **Is-sentenza sospiza ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-Qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mil-ligi.[3]**

---

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Spiridione Azzopardi deċiża 14/08/1991

X'kienu dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultax mis-sentenza appellata, għalkemm fil-motivazzjonijiet il-Qorti tikkritika l-aġir tal-Prosekuzzjoni minħabba f'dilungar żejjed biex il-każ tmexxa 'il quddiem sakemm finalment wasal għat-tmiem tiegħu. Issa l-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża u tara illi l-Ewwel Qorti kellha raġun tilmenta minn dan in-nuqqas prosekutorjali. Illi dan il-każ jirreferi għal inċident li seħħ fis-sena 2011. Inżammu b'kollox 49 seduta li f'40 seduta minnhom ma sar xejn. Illi dan id-dewmien kien fil-maġġior parti tiegħu imputabbli lil Prosekuzzjoni, tant illi l-Ewwel Qorti anke wasslet biex tagħlaq il-provi tal-Prosekuzzjoni wara li l-Avukat Ġenerali kien bagħat ir-rinviju għal ġudizzju b'riserva, billi għal żmien twil ma kien qed jiġi reġistrat ebda progress fil-kawża. Illi żgur illi dan mhux il-mod kif il-kawżi għandhom jitmexxew bi preġudizzju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, kemm fil-konfront tal-persuna akkużata li f'dan il-każ dam jistenna 'il fuq minn għaxar snin sabiex il-kawża tinqata' b'sentenza ta' priġunerija mdendla fuq rasu, u lanqas fil-konfront tal-vittmi tar-reat li damu snin twal jistennew biex issir ġustizzja magħhom u dan bi spejjeż żejda għaż-żewġ partijiet. F'dan il-każ allura it-trapass taż-żmien kien fattur li l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena, nuqqas li, kif ingħad, kien fil-maġġior parti imputabbli lil Prosekuzzjoni. L-imputat imbagħad għandu fedina penali kważi netta u allura mhuwiex persuna li kellu, jew ppersista f'imġieba devjanti jew vjolenti u li huwa xi minaċċa għas-soċjeta.

Dak li jippreokkupa lil Qorti, madanakollu, huwa l-fatt illi l-appellat, ghalkemm għaddew ħafna snin ma rax illi kellu jikkumpensa lil vittmi ta' dan ir-reat għad-danni minnhom sofferti. Illi l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet *Robert Azzopardi vs Daniel Farrugia (590/2011)* deċiża fis-27 ta' Ottubru 2014, fejn l-appellat kien ikundannat iħallas lil parti offiża s-somma ta' €59,904, bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza. Issa fit-trattazzjoni orali magħmula mid-difensur tal-parti offiża quddiem din il-Qorti jidher li l-appellat baqa' iandempjenti fil-ħlas lil vittma għad-danni subiti, kif kien ikundannat jagħmel permezz tal-imsemmija sentenza lura fis-sena 2014, kważi għaxar snin ilu. L-appellat minn naħa tiegħu ma iressaq ebda prova illi huwa ħallas

[3] App.Inf. Il-Pulizija vs Joseph Said deċiża 26/11/1992

dan il-kumpens. Dan il-fattur ċertament jimmilita kontra tiegħu billi għal snin sħaħ huwa naqas milli jikkonforma ruħu ma' sentenza ta' qorti li ordnatlu iħallas kumpens lil vittma. Issa għalkemm illum il-ħati jista' jiġi kkundannat mill-qrati ta' gurisdizzjoni penali li jħallas danni għal ħsara morali jew psikoloġika sofferta mill-vittma f'ċertu istanzi, madanakollu dan il-bdil fil-liġi daħal fis-seħħ fis-sena 2018 u allura il-Qorti hija prekluża milli tapplika din is-sanzjoni konsegwenzjali għal piena fil-konfront tal-appellat. Dan ma jfissirx, iżda, li din il-Qorti hija prekluża milli tordna lil ħati iħallas lil vittma kumpens għal ħsara minnu subita.

Illi fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali kien jaqra' hekk:

> **Meta l-qorti taghmel ordni ta' sentenza sospiża bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28A, hija tista' tinkludi f'dak l-ordni direttiva ti tkun tobbliga lill-hati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi, bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru tkun inghatat is sentenza sospiza, jew li jhallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew ħsara oħra kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bhal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u fin-nuqqas li jsir hlas kif imsemmi qabel.**

Illi dan ifisser illi din il-Qorti, fil-kompentenza tagħha penali għandha s-setgħa li tagħti direttiva sabiex il-vittma jkun ikkumpensat għat-telf minnu subit. Issa għalkemm hemm sentenza tal-qorti ċivili li ordnat lill-appellat iħallas kumpens u dan fis-sena 2014, mix-xiehda mismugha minn din il-Qorti jidher illi l-parti offiża minn dak iż-żmien sofra telf ulterjuri meta kellha tiġi rimossa l-għajn kompletament minħabba il-ġrieħi gravissimi subiti. Illi allura għalkemm ma jirriżultawx dawk l-estremi li jistgħu iwassluha sabiex tvarja id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, tenut kont ukoll tat-trapass taż-żmien u l-kondotta tal-ħati, madanakollu dan għandu iseħħ diment li l-parti offiża ikun ikkumpensat għal ħsara minnu sofferta, u fin-nuqqas l-appellat għand jiffaċċja is-sanzjoni tal-liġi restrittiva tal-liberta'. Għalhekk ser tagħmel direttiva sabiex l-appellat jikkumpensa lil vittma Robert Azzopardi għal parti mill-ħsara minnu subita u dan mingħajr preġudizzju għad-

drittijiet tal-parti offiża li jmexxi għall-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti Ċivili tal-Prim'Awla.

Illi mix-xiehda mogħtija minn Dr. Maria Schembri quddiem din il-Qorti jidher illi s-sitwazzjoni medika marbuta mal-viżta ta' Azzopardi maż-żmien marret għal agħar tant illi llum ma hemmx tama ta' fejqan, kif ingħad, bil-parti offiża ser ikompli jkollu bżonn ta' kura medika x'aktarx għal ħajjtu. Illi l-Qorti tqies illi l-parti offiża jistħoqqlu li jkun ikkumpensat għal dan it-telf ulterjuri u għalhekk l-appellat għandu jara li jagħti kumpens xieraq u fin-nuqqas jiffaċċja is-sanzjoni tal-liġi għal dan in-nuqqas li jidher li ilu jipprokastina għal snin twal. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammont ta' €10,000 huwa wieħed raġjonevoli tenut kont tat-trapass twil taż-żmien minn meta seħħ l-inċident, il-ħsara konsiderevoli kkaġġjonata lil vittma li qiegħed jitlef il-viżta ta' għajnejh u l-ħsara finanzjarja u psikoloġika li l-appellat sofra, qiegħed isfori u ser jibqa' isofri sfortunatament għal ħajtu kollha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet bin-numri wieħed sa tlieta, kif ukoll fejn kien illiberat mir-raba' imputazzjoni. Tikkonfermaha ukoll fejn fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellat Daniel Farrugia kien ikkundannat iħallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija u erbatax -il Ewro u disa' u sebgħin ċenteżmu, iżda tvarja il-piena nflitta billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali l-appellat kien ikkundannat għal perijodu ta' sentejn priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija kien sospiż għal żmien erba' snin, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellat iħallas lil parti offiża Robert Azzopardi s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) bħala kumpens għal ħsara minnu subita u li ser ikompli isofri minnha fis-snin li ġejjin, u dan fi żmien <u>tlett xhur</u> mil-lum. Dan mingħajr preġudizzju għad-drittijiet l-oħra ċivili spettanti lil parti offiża għall-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Prim'Awla tas-27 ta' Ottubru 2014.**

**Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll bil-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 28H(4) u (5) tal-Kodiċi Kriminali jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva mogħtija lilu dwar il-ħlas tal-kumpens fiż-żmien mogħti f'din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**